MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 273/2011

Kawza fil-lista: 2

**QP bhala kuratrici ad litem ta' bintha minuri**
**M V P**
**vs**
**Direttur tar-Registru Pubbliku,**
**G K u X V**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat lil permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li minn relazzjoni stabbli li hi kellha mal-konvenut G K twieldet it-tifla M fit-28 ta' Lulju 2009 li fuq l-att tat-twelid taghha numru 2614/09 giet registrata bhala bint zewgha l-konvenut X V; li, ghalkemm dan il-konvenut u l-attrici kienu ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni fl-1 ta' Ottubru 2009, huma ma kellhomx relazzjonijiet intimi fiz-zmien kontemplat mill-ligi; li t-tifla ghandha pussess ta'

stat kuntrarju ghal dak indikat fl-att tat-twelid taghha, stante li dejjem giet meqjusa bhala bint il-konvenut G K; li r-rapport xjentifiku jikkonferma li dan il-konvenut huwa l-missier bijologiku tat-tarbija; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti [1] tiddikjara li t-tifla M maghrufa bil-kunjom V P mhijiex il-wild naturali tal-konvenut X V, izda hija l-wild naturali tal-konvenut G K; u [2] li jsiru l-korrezzjonijiet necessarji fl-att tat-twelid tat-tifla; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li, wara li ssolleva zewg eccezzjonijiet ta' natura procedurali bazati fuq id-disposti ta' l-artikoli 782, 783 u l-artikolu 77C tal-kapitlu 16, issolleva l-eccezzjoni kontemplata fl-artikolu 81 tal-istess kapitlu.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut X V ikkonferma li l-minuri mhijiex bintu, u li hu u l-attrici kienu jghixu separatament go fondi distinti, hafna qabel il-jum tas-separazzjoni legali;

Rat li l-ewwel eccezzjoni procedurali tad-Direttur giet sorvolata bid-digriet moghti fil-11 ta' Jannar 2012;

Rat li t-tieni eccezzjoni procedurali tal-istess konvenut giet sorvolata bid-digriet moghti fis-16 ta' Mejju 2012;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat u mahluf mill-ispizjara Dottoressa Marisa Cassar;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla M V P mwielda mill-attrici fit-28 ta' Lulju 2009, u ndikata fuq l-att tat-twelid taghha bhala bint il-konvenut X V, hija fil-fatt it-tifla naturali tal-konvenut G K;  u li l-att tat-twelid taghha numru 2614/09 jigi debitament korrett.

Illi jirrizulta sodisfacentement provat li l-attrici u zewgha l-konvenut X V isseparaw *de facto* f' Mejju 2006, u minn

dak iz-zmien ‘il quddiem ma kellhom relazzjonijiet intimi aktar.

Fis-sena 2008 l-attrici ltaqghet mal-konvenut G K, u wara ftit dawn bdew jikkoabitaw; u peress li din ir-relazzjoni stabbli u esklussiva kienet sejra tajjeb dawn ippjanaw li jkollhom tarbija. Rizultat ta’ dan, l-attrici harget tqila, u fit-28 ta’ Lulju 2009 twieldet it-tifla M li dejjem giet kunsidrata bhala bint il-konvenut G K; u ghalhekk l-pussess ta’ stat taghha jikkuntrasta ma’ dak indikat fl-att tat-twelid.

Illi r-rizultanzi tat-testijiet tad-DNA jikkonfermaw li t-tifla hija l-wild naturali tal-konvenut G K.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi, previa rigett tar-raba’ eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, tilqa’ t-talbiet, u tiddikkjara li t-tifla M V P li twieldet mill-attrici fit-28 ta’ Lulju 2009, mhijiex il-wild naturali tal-konvenut X V, izda hija l-wild naturali tal-konvenut G K; u konsegwentement tordna d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid fuq indikat.

L-ispejjez ikunu kollha a kariku tal-konvenut G K.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------